# KONVERŻJONI PERMEZZ TA' KRISTU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi.**
**Ġen 15, 5-12, 17-18**

F'dak iż-żmien: Il-Mulej ħareġ lil Abram 'il barra u qallu: "Ħares daqsxejn lejn is-sema u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom.'' Imbagħad żied igħid: "Hekk għad ikun nislek.''
U Abram emmen lill-Mulej, u l-Mulej għaddhulu b'ġustizzja. U qallu: "Jiena l-Mulej li ħriġtek minn Ur tal-Qaxdin, biex nagħtik din l-art ħalli tkun tiegħek.'' Abram qal: "Sidi, Mulej, kif inkun naf li se tmiss lili?'' U qallu l-Mulej: "Ġibli għoġla ta' tliet snin, mogħża ta' tliet snin, bodbod ta' tliet snin, ħamiema u beċċun.''
U meta ħadhomlu kollha, qasamhom min-nofs, u qiegħed nofs quddiem wieħed u nofs quddiem l-ieħor, iżda t-tajr ma qasmux. U niżlu l-għasafar tal-ħtif fuq il-bhejjem mejtin, iżda Abram tajjarhom. Ix-xemx kienet nieżla, u Abram tah ngħas tqil, u biża' u dalma kbira waqgħu fuqu.
U niżlet ix-xemx u dalam,u l-kenur baqa' jdaħħan u ilsna tan-nar kienu jżiġġu bejn dawk il-bċejjeċ tal-laħam tal-bhejjem. Għax dak in-nhar il-Mulej għamel patt ma' Abram, u qallu: "Lil nislek jiena nagħti din l-art, mix-xmara ta' l-Eġittu sax-xmara l-kbira, ix-xmara ta' l-Ewfrat.''

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 26**
**Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.**

Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi,
minn min għandi nibża?
Il-Mulej hu l-kenn tiegħi,
quddiem min għandi nitwerwer?

**R/. Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.**

Isma', Mulej, il-leħen tiegħi,
meta ngħajjat ħenn għalija u weġibni
Minnek tgħid qalbi, "Fittxu lil wiċċu.''

**R/. Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.**

Jien nfittex 'il wiċċek, Mulej.
La taħbix wiċċek minni,
la twarrabx fil-korla l-qaddej tiegħek;
Inti l-għajnuna tiegħi.

**R/. Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.**

Nemmen li għad nara t-tjieba tal-Mulej f'art il-ħajjin.
Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek;
ittama fil-Mulej.

**R/. Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin.**
**Fil 3, 17-4,1**

Ħuti, ixbħu lili, u ħarsu lejn dawk li jimxu skond l-eżempju li rajtu fina. Għaliex hawn ħafna - dan għidthulkom bosta drabi, imma issa ntennihulkom bid-dmugħ f'għajnejja - hawn ħafna li jġibu ruħhom bħal għedewwa tas-salib ta' Kristu. Dawn, it-telfien għad ikun tmiemhom; alla tagħhom hu żaqqhom, jiftaħru b'dak li jmisshom jistħu minnu; u moħħhom biss fil-ħwejjeġ tad-dinja.''
Imma aħna pajżani tas-sema pajjiżna; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi s-Salvatur tagħna Sidna Ġesu' Kristu. Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu. Għalhekk, intom, ħuti, li intom il-għożża u x-xewqa tiegħi, ferħ u glorja tiegħi, żommu sħiħ fil-Mulej, maħbubin tiegħi.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu hajr lil Alla.**

**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**
Fi sħaba kollha dawl, leħen il-Missier instema':
Dan hu Ibni l-għażiż; isimgħu lilu.
**Glorja u tifħir lilek, Kristu!**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 9, 28b-36**

F'dak iż-żmien: Ġesu' ħa miegħu 'l Pietru u 'l Ġwanni u 'l Ġakbu, u tela' fuq il-muntanja biex jitlob. U ġara li, huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta' bjuda li tgħammex. U dehru żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, li kienu Mose' u Elija; dawn dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalem. Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajjmin sewwa, u raw il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu.
X'ħin dawn it-tnejn kienu se jinfirdu minnu, Pietru qal lil Ġesu': "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ħa ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mose', u waħda għal Elija.'' Ma kienx jaf x'inhu jgħid.
Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif daħlu fis-sħaba. U minn ġos-sħaba nstama' leħen igħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, isimgħu lilu.''
X'ħin instema' l-leħen Ġesu' kien jinsab waħdu. Huma żammew is-skiet, u għal dawk il-jiem ma qalu xejn u 'l ħadd, minn dak li kienu raw.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**